



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0364/2013

5.11.2013

***|

RAPPORT

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (COM(2013)0040 – C7-0031/2013 – 2013/0022(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur (għal opinjoni): Amalia Sartori

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT.....	36
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS	47
PROĊEDURA.....	50

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea
GNSS(COM(2013)0040 – C7-0031/2013 – 2013/0022(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0040),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0031/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' April 2013¹,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0364/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità leġiżlattiva favur dan il-finanzjament pluriennali għall-Aġenzija tal-GNSS Ewropea ("l-Aġenzija") għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rendikont finanzjarju ġdid li jqis b'mod sħiħ ir-riżultat tal-ftehim leġiżlattiv bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex jintlaħqu r-rekwiżiti baġitarji u tal-persunal tal-Aġenzija u possibbilment tas-servizzi tal-Kummissjoni;
 4. Jitlob li l-Kummissjoni ssib soluzzjoni fattibbli għall-problemi li l-Aġenzija qiegħda tiffaċċja fir-rigward tal-finanzjament għall-Iskejjel Ewropej ta' Tip II, għax dan għandu effett dirett fuq il-kapaċità tal-Aġenzija li tattira persunal kwalifikat;
 5. Jitlob li, meta tiddetermina l-koeffiċċjent tal-korrezzjoni għar-rimunerazzjonijiet tal-persunal għall-Aġenzija, il-Kummissjoni ma tqisx il-medja Ċeka iżda taġġusta għall-ispejjeż tal-għajxien fiż-żona metropolitana ta' Praga;

¹ ĠU C 198, 10.7.2013, p. 67.

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Ir-Regolament (UE) Nru xxx/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-operat tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita⁸, li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 u li ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, jiddefinixxi l-iskema ta' governanza pubblika tal-programmi matul il-perjodu 2014-2020. Huwa jwessa' l-kompli assenjati lill-Aġenzija u jipprovd fost affarijiet oħrajn li l-Aġenzija jkollha rwol ewljeni fl-isfruttar tas-sistemi.

Emenda

(4) Ir-Regolament (UE) Nru xxx/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-operat tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita⁸, li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 u li ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, jiddefinixxi l-iskema ta' governanza pubblika tal-programmi matul il-perjodu 2014-2020. **Huwa jagħti responsabbiltà globali għall-programmi lill-Kummissjoni u jagħmel lill-Kummissjoni responsabbli għall-iżgurar tas-sigurtà tal-programmi, inkluża s-sigurtà tas-sistemi u l-operat tagħhom.** **Barra minn hekk,** huwa jwessa' l-kompli assenjati lill-Aġenzija u jipprovd fost affarijiet oħrajn li l-Aġenzija jkollha rwol ewljeni fl-isfruttar tas-sistemi **u fil-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tagħhom.**

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jitfakkar li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà globali għall-programmi u hija responsabbli għall-iżgurar tas-sigurtà tagħhom.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Barra minn hekk, dejjem sabiex

Emenda

(9) Barra minn hekk, dejjem sabiex

tinżamm l-awtonomija tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessa, *ikun utli wkoll*, minn naħa, li l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-persunal tal-Àgenzija mqiegħed taħt il-kontroll tiegħu jwettqu xogħolhom *f'post li jiggarrantixxi l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom* fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Àgenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi, u min-naħħa l-oħra li r-regoli interni tal-Àgenzija dwar il-persunal jiżguraw l-awtonomija u l-indipendenza tal-persunal li jwettaq attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà fil-konfront tal-persunal li jwettaq l-attivitajiet l-oħra tal-Àgenzija.

tinżamm l-awtonomija tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessa, *huwa esenzjali*, minn naħa, li l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-persunal tal-Àgenzija mqiegħed taħt il-kontroll tiegħu jwettqu xogħolhom ***b'mod awtonomu u indipendenti*** fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Àgenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi, u min-naħħa l-oħra li r-regoli interni tal-Àgenzija dwar il-persunal jiżguraw l-awtonomija u l-indipendenza tal-persunal li jwettaq attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà fil-konfront tal-persunal li jwettaq l-attivitajiet l-oħra tal-Àgenzija.

Ġustifikazzjoni

Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà qiegħed fl-istess post bħall-bqija tal-Àgenzija.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Barra minn hekk, huwa neċċesarju li r-Regolament (UE) Nru 912/2010 jinġieb konformi mal-prinċipji li jinsabu fl-Istrateġja Komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati, adottata minn dawn it-tliet iċċituzzjonijiet rispettivament fil-5 ta' Lulju, fis-26 ta' Ġunju u fit-12 ta' Ġunju 2012, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-regoli għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi, it-tul tal-kariga tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà kif ukoll dik tal-presidenti tagħhom, l-eżistenza ta' programm ta' ħidma multiannwali, is-setgħat tal-Bord tad-Diretturi rigward il-ġestjoni tal-persunal, il-

Emenda

(11) Regulation (EU) Ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 għandu jinġieb konformi mal-prinċipji li jinsabu fl-Istrateġja Komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati, adottata minn dawn it-tliet iċċituzzjonijiet rispettivament fil-5 ta' Lulju, fis-26 ta' Ġunju u fit-12 ta' Ġunju 2012, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-regoli għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi, it-tul tal-kariga tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà kif ukoll dik tal-presidenti tagħhom, l-eżistenza ta' programm ta' ħidma multiannwali, is-setgħat tal-Bord tad-Diretturi rigward il-ġestjoni tal-persunal, il-

valutazzjoni u r-reviżjoni tar-Regolament, il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, u t-trattament tal-informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata.

valutazzjoni u r-reviżjoni tar-Regolament, il-prevenzjoni **u l-ġestjoni** tal-kunflitti ta' interess, u t-trattament tal-informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata.

Ġustifikazzjoni

Dan huwa l-kliem tal-approċċ komuni għall-aġenziji deċentralizzati adottat mit-tliet Istituzzjonijiet.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) B'referenza għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, huwa esenzjali li l-Aġenzija tistabbilixxi u żżomm reputazzjoni ta' imparzjalitā, integrità u ta' standards professionali għoljin. Qatt m'għandu jkun hemm xi raġuni leġittima biex jiġi ssuspettat li d-deċiżjonijiet jistgħu jiġu influwenzati minn interassi kunfliġġenti mar-rwol tal-Aġenzija bħala korp li jservi l-Unjoni kollha jew minn interassi privati jew affiljazzjonijiet ta' kwalunkwe membru tal-persunal tal-Aġenzija jew espert nazzjonali ssekondat, jew ta' kwalunkwe membru tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, li joħolqu, jew għandhom il-potenzjal li joħolqu, kunfliett mal-qadi xieraq tad-dmirijiet uffiċċiali tal-persuna kkonċernata. Il-Parlament Ewropew esprima tħassib dwar il-kunflitti ta' interess f'ċerti aġenziji u talab lill-Qorti tal-Audituri twettaq analiżi komprensiva. Il-Bord tad-Diretturi għandu għalhekk jadotta regoli komprensivi dwar din il-kwistjoni li jkopru l-Aġenzija kollha. Dawk ir-regoli għandhom iqis u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Qorti tal-Audituri fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 15 tal-2012.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b)Fl-10 ta' Diċembru 2010 r-rappreżentanti tal-Istati Membri imlaqqgħin fil-Konferenza Intergovernattiva ddeċidew li jillokalizzaw il-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija fi Praga. Il-Ftehim Ospitanti bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Aġenzija daħal fis-seħħ fid-9 ta' Awwissu 2012. Il-Ftehim Ospitanti u arranġamenti speċifiċi oħra (bħall-Ftehim ta' Kiri u Pakketti ta' Benefiċċju għall-Persunal) għandhom ikunu kkunsidrati li huma kompletament skont dan ir-Regolament, u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu emendati.

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-istabbiliment u t-tħaddim tal-Aġenzija fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi ospitanti kif ukoll dawk relatati mal-vantaġġi mogħtija minn dawn tal-aħħar lid-Direttur Eżekuttiv, lill-membri tal-kunsill ta' amministrazzjoni, lill-personal tal-Aġenzija u lill-membri tal-familji tagħhom huma suġġetti għal arranġamenti partikolari konklużi bejn l-Aġenzija u dawn l-Istati Membri u pajjiżi. L-arranġamenti partikolari huma approvati mill-Bord tad-Diretturi.

Id-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-istabbiliment u t-tħaddim tal-Aġenzija fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi ospitanti kif ukoll dawk relatati mal-vantaġġi mogħtija minn dawn tal-aħħar lid-Direttur Eżekuttiv, lill-membri tal-kunsill ta' amministrazzjoni **u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà**, lill-personal tal-Aġenzija u lill-membri tal-familji tagħhom huma suġġetti għal arranġamenti partikolari konklużi bejn l-Aġenzija u dawn l-Istati Membri u pajjiżi **terzi**. L-arranġamenti partikolari huma approvati mill-Bord tad-Diretturi.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Il-membri tal-Bord tad-Diretturi
għandhom jinħatru fid-dawl tal-konoxxa tagħhom tal-kompeti tal-Aġenzija, filwqat li jitqiesu l-ħiliet
maniġerjali, amministrattivi u baġitarji
rilevanti. Il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom
jimmiraw li jijsbu rappreżentanza
bbilanċċata bejn l-irġiel u n-nisa fil-Bord
tad-Diretturi.*

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3 – punt a

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord tad-Direttur għandu jkun ta' erba' snin, u jiista' jiġġedded.

It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord tad-Direttur għandu jkun ta' erba' snin, u jiista' jiġġedded. *Il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jillimitaw it-tibdil tar-rappreżentanti tagħhom fil-Bord tad-Diretturi.*

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3 – punt b

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-President jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) rilevanti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet tal-Membri.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3 – punt b

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord tad-Diretturi huwa intitolat li jirrevoka l-ħatra tal-President u tal-Vice President.

Ġustifikazzjoni

Il-Bord tad-Diretturi jaħtar il-President u l-Vice President iżda mhuwiex intitolat li jirrevokahom, li jista' jkun neċessarju f'ċerti ċirkostanzi. Barra minn hekk, il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu din is-setgħa fuq il-President u l-Vice President tiegħi.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3 – punt c

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot hija meħtieġa għall-ħatra ***tal-president*** tal-Bord tad-Diretturi u ***tal-Vice President, l-adozzjoni*** tal-baġit u tal-programmi ta' ħidma.”

Maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot hija meħtieġa għall-ħatra ***u r-revoka tal-ħatra tal-President u tal-Vice President*** tal-Bord tad-Diretturi u ***għall-adozzjoni*** tal-baġit u tal-programmi ta' ħidma.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) jadotta, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tal-ewwel sena tal-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-programm ta' ħidma multiannwali tal-Àgenzija għall-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali wara li tkun ġiet inkluża fih il-parti żviluppata mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11(3)(b), u wara li jkun irċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni;

Emenda

a) jadotta, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tal-ewwel sena tal-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-programm ta' ħidma multiannwali tal-Àgenzija għall-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali wara li tkun ġiet inkluża fih il-parti żviluppata mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11(3)(b), u wara li jkun irċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni ***u jkun ikkonsulta mal-Parlament Ewropew;***

Ġustifikazzjoni

Skont l-approċċ komuni, il-Parlament għandu jiġi kkonsultat dwar il-programm ta' ħidma pluriennali.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Ir-Regolament (KE) 912/2010.

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) japprova l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 23(2) wara l-approvazzjoni tal-Bord tal-Akkreditament tas-Sigurtà msemmi fl-Artikolu 11 għall-kwistjonijiet relatati mal-Kapitolo III;

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Ir-Regolament (KE) 912/2010.

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ħa (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) japprova, fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv, it-termini tal-ħidma li jsiru bejn l-Aġenzija u l-Aġenzija Spazjali Ewropea skont l-Artikolu [15(1)(c)] tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament futur dwar il-GNSS];

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

i) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

i) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu **u jagħmilhom pubbliċi;**

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ia (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ia) jadotta, fuq il-bażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, strateġija kontra l-frodi li tkun proporzjonata għar-riskji ta' frodi wara li jkun ikkunsidra analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċċi tal-miżuri li għandhom jiġu implementati;

Ġustifikazzjoni

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal strateġija kontra l-frodi u jippreżentaha lill-Bord iżda l-Bord m'għandu l-ebda setgħa li jadotta strateġija bħal din.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 2- punt ib (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ib) jieħu fejn ikun meħtieġ, fuq il-bażi ta' proposti mid-Direttur Eżekuttiv, id-deċiżjonijiet dwar l-istrutturi organizzattivi tal-Aġenzija, bl-eċċeżżjoni ta' dawk relatati mal-aktivitajiet tal-akkreditament tas-sigurtà koperti mill-Kapitolu III.

Ġustifikazzjoni

Deċiżjonijiet dwar l-istrutturi interni għandhom jittieħdu mill-Bord fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord Amministrattiv jadotta skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 2(1), tal-Istatut tal-Persunal u skont l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Implieg għal aġenti oħra, li tiddelega is-setgħat ta' ħatra korrispondenti lid-Direttur Eżekuttiv u tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bihom din id-delegazzjoni tal-kompetenzi tista' tīgi sospiża. Id-Direttur Eżekuttivhuwa awtorizzat li jissottodelega dawn il-

Il-Bord Amministrattiv jadotta skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 2(1), tal-Istatut tal-Persunal u skont l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Implieg għal aġenti oħra, li tiddelega is-setgħat ta' ħatra korrispondenti lid-Direttur Eżekuttiv u tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bihom din id-delegazzjoni tal-kompetenzi tista' tīgi sospiża. **Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lura lill-Bord Amministrattiv**

kompetenzi.

dwar dawn is-setgħat delegati. Id-Direttur Eżekuttivhuwa awtorizzat li jissottodelega dawn il-kompetenzi.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Għandu jadotta wkoll il-miżuri relatati
mal-issekondar tal-esperti nazzjonali
koperti mill-Artikolu 15(b), wara l-
konsultazzjoni mal-Bord għall-
Akkreditament tas-Sigurtà u jittieħed kont
xieraq tal-osservazzjonijiet tiegħu.*

imħassar

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni hija trasferita għall-Artikolu 15c.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord tad-Diretturi għandu jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jista' jestendi jew itemm il-mandat tiegħu skont l-Artikolu 15c(4). Huwa jeżerċita l-awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv.

Il-Bord tad-Diretturi għandu jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jista' jestendi jew itemm il-mandat tiegħu skont l-Artikolu 15b(3) u (4). Huwa jeżerċita l-awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 5

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Kummissjoni u tal-Bord tad-Diretturi, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fit-twettiq tad-doveri tiegħu u la għandu jfittex u lanqas jieħu istruzzjonijiet mingħand xi gvern jew minn kwalunkwe korp ieħor.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) huwa responsabbi għar-rappreżentanza tal-Aġenzija, minbarra l-attivitajiet u tad-deċiżjonijiet relatati mal-Kapitoli II u III, u għandu r-responsabbiltà ***tal-ġestjoni tagħha;*** jiffirma l-ftehimiet ta' delegazzjoni li jsiru bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1)(d)] tar-Regolament [ir-Regolament futur dwar il-GNSS];

(1) huwa responsabbi għar-rappreżentanza tal-Aġenzija, minbarra l-attivitajiet u tad-deċiżjonijiet relatati mal-Kapitoli II u III, u għandu r-responsabbiltà ***tal-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha;*** jiffirma l-ftehimiet ta' delegazzjoni li jsiru bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1a)] tar-Regolament [ir-Regolament (EU) Nru [ir-Regolament futur dwar il-GNSS];

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 7 jistipula li d-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbi għall-ġestjoni tal-Aġenzija.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010
Artikolu 8 – punt 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. jipprepara t-termini tal-ħidma bejn l-Aġenzija u l-Aġenzija Spazjali Ewropea skont l-Artikolu [15(1c)] tar-Regolament (UE) Nru .../...[ir-Regolament futur dwar il-GNSS] u jissottomettihom lill-Bord Amministrattiv skont l-Artikolu 6(2)(ħa);

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) jipprepara x-xogħol tal-Bord tad-Diretturi u jipparteċipa, mingħajr id-dritt tal-vot, fix-xogħol tal-Bord tad-Diretturi.

*(2) jipprepara x-xogħol tal-Bord tad-Diretturi u jipparteċipa, mingħajr id-dritt tal-vot, fix-xogħol tal-Bord tad-Diretturi,
sogġġett għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5);*

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) għandu jimplimenta d-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tad-Diretturi;

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 3

Test propos mill-Kummissjoni

(3) huwa responsabbi ***għall-implementazzjoni*** tal-programmi ta' ħidma tal-**Aġenzija taħt il-kontroll tal-Bord** tad-Diretturi minbarra ***l-parti tal-programmi koperti mill-Kapitolu III;***"

Emenda

(3) huwa responsabbi ***għall-preparazzjoni tal-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali*** tal-**Aġenzija u għandu jippreżentahom lill-Bord** tad-Diretturi, minbarra ***l-partijiet ippreparati u adottati mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11(3)(b) u (c);***

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 3a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) huwa responsabbi għall-implementazzjoni tal-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali tal-Aġenzija, minbarra l-partijiet implementati mill-President tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11a(1)(b), u biex jirraporta lill-Bord tad-Diretturi dwar l-implementazzjoni tagħhom;

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 3b (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) jipprepara rapport ta' progress dwar l-implementazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali għal kull laqgħa tal-Bord Amministrattiv, inkluż, mingħajr ebda modifika, il-kapitolu preparat mill-President tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, skont l-Artikolu 11a(1)(c);

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) iħejji *kull sena, filwaqt li jikkunsidra l-osservazzjonijiet tal-president tal-Bord* għall-Akkreditament tas-Sigurtà f'dak li *jirrigwarda l-attivitàjet koperti mill-Kapitolo III, abbozz ta' rapport ġenerali kull sena u jippreżentah lill-Bord tad-Diretturi;*

Emenda

(6) iħejji *r-rapport annwali dwar l-attivitàjet u l-prospetti tal-Aġenzija, bl-eċċeżżjoni tal-parti preparata u adottata mill-Bord* għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont *l-Artikolu 11(3)(d)*, u jippreżentah *għall-approvazzjoni* lill-Bord tad-Diretturi;

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) jiżgura li l-Aġenzija, bħala l-operatur tal-GSSB, tkun kapaċi taġixxi skont l-istruzzjonijiet mogħtija skont l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK;

Emenda

(7) jiżgura li l-Aġenzija, bħala l-operatur tal-GSSB, tkun kapaċi agħixxi skont l-istruzzjonijiet mogħtija skont l-Azzjoni Konġunta 2004/552 PESK *u li twettaq ir-rwol tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011*;

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) jiċċirkola l-informazzjoni relevanti

kollha fost il-korpi kostitwenti tal-Aġenzija, inkluża dik dwar kwistjonijiet ta' sigurtà fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija;

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 7b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(7b) jikkomunika lill-Kummissjoni l-fehma tal-Aġenzija dwar kwalunkwe speċifikazzjoni teknika u operazzjonali meħtieġa għall-implementazzjoni tal-evoluzzjonijiet tas-sistemi msemmija fl-
Artikolu [13(3)(ca)] tar-Regolament (UE) Nru .../[ir-Regolament futur dwar il-GNSS], inkluża għad-definizzjoni tal-proċeduri ta' aċċettazzjoni u rieżami, u l-attivitajiet ta' riċerka li jappoġġaw dawn l-evoluzzjonijiet;*

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) jiddefinixxi l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija u jippreżentaha għall-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi; *imħassar*

Ġustifikazzjoni

Dan huwa kopert mill-emenda li tiżdied għall-Artikolu 6(2)(ib).

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) jipprepara pjan ta' azzjoni ***biex jiżgura s-segwitu*** tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjoni ***tal-evalwazzjoni mwettqa***, u jippreżenta rapport darbtejn fis-sena dwar il-progress li jkun sar lill-Kummissjoni;

Emenda

(12) jipprepara pjan ta' azzjoni ***bħala segwitu*** tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjoni ***li joħorġu mill-evalwazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 26, kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet tal-OLAF u rrapparti kollha tal-verifika interni jew esterni***, u jippreżenta rapport darbtejn fis-sena dwar il-progress li jkun sar lill-Kummissjoni;

Ġustifikazzjoni

Dan ġie armonizzat mal-Artikolu 6(2)(g).

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) ifassal strateġija kontra l-frodi għall-Aġenzija u jibgħatha lill-Bord tad-Diretturi għall-approvazzjoni.”

Emenda

(14) ifassal strateġija kontra l-frodi ***u strateġija għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitt ta' interassi*** għall-Aġenzija u jibgħatha lill-Bord tad-Diretturi għall-approvazzjoni.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Parlament Ewropew jekk il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv biex jippreżenta rapport dwar it-twettiq tal-kompeti tiegħu u biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem dawn l-istituzzjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Dan ġie mċaqlaq mill-Artikolu 15b.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-programm pluriennali tal-Aġenzija **msemmi** fl-Artikolu 6(2)(a), **jipprovdi** l-azzjonijiet **li l-Aġenzija għandha twettaq** matul il-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-azzjonijiet marbuta mar-relazzjonijiet internazzjonali u mal-komunikazzjoni li tagħhom hija responsabbi. **Dan il-programm** għandu **jiddetermina** r-riżorsi umani u finanzjarji allokati għal kull attivitā. Għandu jqis **ir-riżultat tal-evalwazzjonijiet** imsemmija fl-Artikolu 26.

1. Il-programm **ta' ħidma** pluriennali tal-Aġenzija **kif imsemmi** fl-Artikolu 6(2)(a), **għandu jistipula** l-azzjonijiet **li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija** matul il-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-azzjonijiet marbuta mar-relazzjonijiet internazzjonali u mal-komunikazzjoni li tagħhom hija responsabbi **u għandu jistipula l-ipprogrammar strateġiku ġenerali, inklużi l-objettivi, it-tragwardi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni, u l-ipprogrammar tar-riżorsi, inklużi r-riżorsi umani u finanzjarji allokati għal kull attivitā.** Għandu jqis **l-evalwazzjonijiet** imsemmija fl-Artikolu 26.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fuq il-bażi tal-programm ta' ħidma multiannwali, il-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 6(2)(b), **jipprovdi l-azzjonijiet li l-Aġenzija għandha twettaq** matul is-sena ta' wara, inklużi l-azzjonijiet marbuta mar-relazzjonijiet internazzjonali u mal-komunikazzjoni li minnhom hija responsabbi. **Dan il-programm għandu jiddetermina r-riżorsi umani u finanzjarji allokati għal kull attivitā. Għall-finijiet ta' informazzjoni għandu jinkludi l-kompli li l-Kummissjoni, skont il-każ, tiddelega lill-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1)(d)] tar-Regolament (ir-Regolament futur dwar il-GNSS).**

Emenda

2. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 6(2)(b) **għandu jkun ibbażat fuq il-programm ta' ħidma pluriennali.** **Dan għandu jinkludi objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, inklużi l-indikaturi ta' prestazzjoni li permezz tagħhom ir-riżultati miksuba jkunu jistgħu jiġu evalwati b'mod effettiv. Għandu jkun fih deskriżżjoni ddettaljata tal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija matul is-sena ta' wara, inklużi l-azzjonijiet marbuta mar-relazzjonijiet internazzjonali u mal-komunikazzjoni li minnhom hija responsabbi, u **għandu jindika** r-riżorsi umani u finanzjarji allokati għal kull attivitā, **skont il-prinċipji tal-ibbaġitjar u l-ġestjoni bbażati fuq attivitā. Għandu jindika b'mod ċar il-kompli li ġew miżjudha, mibdula jew imħassra b'paragun mas-sena preċedenti.** Għal finijiet ta' informazzjoni, għandu jinkludi l-kompli li l-Kummissjoni, skont il-każ, iddelegat lill-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1a)] tar-Regolament (UE) Nru .../... (ir-Regolament futur dwar il-GNSS).**

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8a - paragrafu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, wara l-adozzjoni mill-Bord tad-Diretturi, jibgħat il-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u għandu jippublikahom. Id-Direttur Eżekuttiv u l-President tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà jistgħu jiġu mistiedna jippreżentaw il-parti tal-

programm ta' ħidma annwali adottat li tiegħu huma responsabbli quddiem il-kumitat(i) rilevantti tal-Parlament Ewropew u jwieġbu mistoqsijiet tal-Membri.

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rapport *ġenerali* annwali msemmi fl-Artikolu 8(f), għandu *jirreferi għall-implementazzjoni* tal-programmi ta' ħidma *tal-Asenċija.*"

Emenda

3. Ir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 6(f), għandu *jinkludi informazzjoni dwar:*

(a) *l-implementazzjoni* tal-programmi ta' ħidma *multiannwali u annwali, inkluż firrigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni;*

(b) *l-implementazzjoni tal-pjan ta' politika tal-baġit u l-persunal;*

(c) *is-sistemi ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tal-Asenċija u l-progress li sar fl-implementazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-proġetti u t-tekniki msemmija fl-Artikolu [12 (e)] tar-Regolament (UE) Nru ... / ... (ir-Regolament futur dwar il-GNSS).*

(d) *l-impatt ambientali tal-Asenċija u kwalunkwe miżura biex tittejjeb il-prestazzjoni ambientali tagħha;*

(e) *sejbiet tal-verifika interna u esterna u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-verifika u għar-rakkomandazzjoni ta' kwittanza;*

(f) *id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv.*

Ir-rapport annwali għandu jsir pubbliku.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9 – punt a

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jieħu fejn ikun meħtieġ, fuq il-bażi ta' propositi tal-President, id-deċiżjonijiet tiegħu dwar l-istrutturi organizzattivi tal-Aġenzija relatati mal-attivitàajiet tal-akkreditament tas-sigurtà koperti minn dan il-Kapitolu;

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9 – punt a

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u jippubblikhom;

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9 – punt b

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkun kompost minn rappreżtant wieħed minn kull Stat Membru, rappreżtant wieħed mill-Kummissjoni u ieħor mir-**Rappreżendant** Għoli. It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà huwa ta' erba' snin, li jistgħu jiġi ġiddu. Għandu jiġi mistieden rappreżtant tal-ESA biex

7. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkun kompost minn rappreżtant wieħed minn kull Stat Membru, rappreżtant wieħed mill-Kummissjoni u ieħor mir-**Rappreżendant** Għoli, *li għandhom jinhātru fid-dawl tal-konoxxa tagħhom ta' attivitajiet tal-akkreditament tas-sigurtà, filwaqt li jut tal-ħiliet maniżjerjali, amministrattivi u*

jattendi l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà bħala osservatur. Jekk ikun il-każ, il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu stabbiliti skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 23.

baġitarji relevanti. Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fil-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà. Il-Membri tal-Bord ta' Akkreditament tas-Sigurtà ma għandhomx ikunu Membri tal-Bord Amministrattiv. It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà huwa ta' erba' snin, li jistgħu jiġġeddu. *Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jillimitaw it-tibdil tar-rappreżentanti tagħhom fil-Bord Akkreditament tas-Sigurtà.* Għandu jiġi mistieden rappreżentant tal-ESA biex jattendi l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà bħala osservatur. Jekk ikun il-każ, il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu stabbiliti skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 23.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9 – punt b

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11 – paragrafu 8 – subparagrafu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-President jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) rilevanti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet tal-Membri.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 9 – punt e

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11 – paragrafu 17

Test propost mill-Kummissjoni

17. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-persunal tal-Aġenzija li jkun taħt il-kontroll tiegħu għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod li jiggarrantixxi l-awtonomija u l-indipendenza fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Aġenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi.”

Emenda

17. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-persunal tal-Aġenzija li jkun taħt il-kontroll tiegħu għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod li jiggarrantixxi l-awtonomija u l-indipendenza fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Aġenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi.” ***Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jinforma minnufih lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord Amministrattiv dwar kull ċirkostanza li tista' tostakola l-awtonomija u l-indipendenza tiegħu. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' rimedju.***

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament jimmira li jagħti aktar indipendenza u awtonomija lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, iżda ma jistabbilixx proċedura biex jissolva kwalunkwe kunflitt li jista' jinqala' bejn iż-żewġ ambiti ta' kompetenza (attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà u ta' realizzazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni). Din l-emenda tistabbilixxi żewġ livelli ta' rimedju. L-ewwel nett, proċedura interna biex tidentifika u tipprova tittratta l-problemi u t-tieni nett, obbligu li l-leġiżlatur ikun informat jekk il-Bord tas-Sigurtà jidhirlu li ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' rimedju biex ittemm iċ-ċirkostanzi li poġġew f'periklu l-awtonomija tiegħu.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11a – paragrafu 1 – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

(a) *imexxi l-aktivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà taħt id-direzzjoni tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà;*

Emenda

(a) *ihejjix x-xogħol tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u jmexxi l-aktivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà taħt id-direzzjoni ta' dak il-Bord;*

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11a – paragrafu 1 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

b) *jiżgura l-implementazzjoni tal-parti tal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija li jaqgħu taħt dan il-Kapitolu taħt il-kontroll tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà;*

Emenda

b) *jimplimenta l-partijiet tal-programmi ta' ħidma pluriennali u annwali tal-Aġenzija imħejja u approvati mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11(3)(b) u (c) taħt il-kontroll ta' dak il-Bord;*

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 15b – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. Id-Direttur Eżekuttiv huwa maħtur mill-Bord tad-Diretturi fuq il-bażi tal-mertu tiegħu u tal-ħiliet iċċertifikati tiegħu fil-qasam tal-amministrazzjoni u l-ġestjoni, kif ukoll tal-kompetenzi u l-esperjenza tiegħu fl-oqsma kkonċernati, fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara akkwist pubbliku miftuħ u trasparenti, wara sejħha għall-espressjoni ta' interess li tidher f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u, f'pubblikazzjonijiet oħra.

Emenda

2. Id-Direttur Eżekuttiv huwa maħtur mill-Bord tad-Diretturi, *wara l-konferma mill-Parlament Ewropew*, fuq il-bażi tal-mertu tiegħu u tal-ħiliet iċċertifikati tiegħu fil-qasam tal-amministrazzjoni u l-ġestjoni, kif ukoll tal-kompetenzi u l-esperjenza tiegħu fl-oqsma kkonċernati, fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara akkwist pubbliku miftuħ u trasparenti, wara sejħha għall-espressjoni ta' interess li tidher f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u, f'pubblikazzjonijiet

oħra.

Ġustifikazzjoni

L-istess approċċ huwa applikat għall-Awtorità Bankarja Ewropea (Reg. 1093/2010), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (Reg. 1094/2010) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (Reg. 1095/2010).

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 15b - paragrafu 2 - subparagrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qabel il-ħatra, il-kandidati fuq il-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu mistiedna jagħmlu dikjarazzjoni quddiem il-kunitat relevanti tal-Parlament Ewropew u jwieġbu mistoqsijiet tal-Membri.

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 15b - paragrafu 3 - subparagrafu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni-{ }-

Emenda

Il-Bord tad-Diretturi għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel kwalunkwe estensjoni bħal din, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kunitati rilevanti tal-Parlament u jwieġeb il-mistoqsijiet magħmula mill-Membri tagħhom.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 15b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*5. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill
jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv biex
jippreżenta rapport dwar it-twettiq tal-
kompeti tiegħu u biex jagħmel
dikjarazzjoni quddiem dawn l-
istituzzjonijiet.*

imħassar

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 15c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Aġenzija tista' *wkoll* tagħmel użu mill-esperti nazzjonali. . Dawn l-esperti għandu jkollhom l-approvazzjonijiet tas-sigurtà xierqa."

L-Aġenzija tista' tagħmel użu mill-esperti nazzjonali *sekondati*. *Tali* esperti għandu jkollhom l-approvazzjonijiet tas-sigurtà xierqa. *Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra ma għandhomx jaapplikaw għal dawn l-esperti.*

Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali fl-Aġenzija. Qabel ma jadotta dik id-deċiżjoni, il-Bord Amministrattiv għandu jikkonsulta mal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà fir-rigward tal-issekondar ta' esperti nazzjonali involuti fl-attivitajiet tal-akkreditament tas-sigurtà msemmija fil-Kapitolu III u għandu jqis b'mod xieraq l-osservazzjonijiet tiegħu.

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 18

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 22a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv kif ukoll l-uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fuq bażi temporanja għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn u dikjarazzjoni ta' interassi li tindika n-nuqqas ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub meta jibdew id-dmirijiet tagħhom u jiġġeddu f'każ li tinbidel iċ-ċirkostanza personali tagħhom.

Emenda

1. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess. Dawk ir-regoli għandhom japplikaw għall-Aġenzija kollha u għandhom isiru pubbliċi. Qabel ma jadotta dawk ir-regoli, il-Bord Amministrattiv għandu jikkonsulta mal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u għandu jqis b'mod xieraq l-osservazzjonijiet tiegħi.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 18

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 22a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-esperti esterni li jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma ad hoc għandhom jiddikjaraw bil-miktub qabel kull laqgħa li jattendu, kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom fir-rigward tal-punti fuq l-agħenda.

Emenda

2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 bħala minimu għandhom:

(a) jistabbilixxu rekwiżit għall-membri tal-Bord Amministrattiv u l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, id-Direttur Eżekuttiv, il-personal tal-Aġenzija u l-esperti nazzjonali sekondati sabiex jagħmlu dikjarazzjoni tal-impenji u dikjarazzjoni ta' kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza

tagħhom;

(b) jeħtieġu li d-dikjarazzjonijiet imsemmija f'punt(a) ikunu preċiżi u kompluti, li jsiru bil-miktub mad-dħul f-iservizz tal-persuni kkonċernati u mġedda fil-każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi personali tagħhom u li jsiru pubbliċi;

(c) jinkludu kriterji ċari u oġġettivi għall-evalwazzjoni tad-dikjarazzjonijiet magħmula skont il-punt(a), jiżguraw applikazzjoni konsistenti ta' dawk il-kriterji u jagħmlu dispożizzjoni sabiex kwalunkwe dikjarazzjoni bħal din tiġi vverifikata jekk jutqajjem kwalunkwe tħassib fir-rigward tagħhom;

(d) jinkludu proċedura li tiżgura li kwalunkwe individwu li għandu interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu fir-rigward ta' xi punt fuq l-aġenda ta' laqgħat, ma jieħux sehem fid-diskussjoni jew deċiżjoni dwar dak il-punt;

(e) jinkludu politika ċara u konsistenti u proċeduri għall-indirizzar ta' ksur tar-regoli, inklużi pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi;

(f) jipprovdha taħriġ obbligatorju xieraq dwar kunflitti ta' interess għad-Direttur Eżekuttiv, il-personal kollu tal-Aġenzija, l-eserti nazzjonali sekondati, u l-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà;

(g) jiindirizzaw kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni wara li l-pożizzjoni ta' individwu mal-Aġenzija tkun intemmet.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 18

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 22a – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. Il-Bord tad-Diretturi u l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandhom jiġi jistabbilixxu politika li tippermetti li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess.”

Emenda

imħassar

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 20

Regolament 2010/912/EU

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni kif ukoll il-konklużjonijiet tagħha dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà tal-Ägenzija. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu ppubblikati.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni kif ukoll il-konklużjonijiet tagħha dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà tal-Ägenzija. **Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiprovvdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-parlamenti nazzjonali kull informazzjoni oħra dwar l-evalwazzjoni jekk mitluba.** Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu ppubblikati.

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 20

Ir-Regolament (KE) 912/2010.

Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Jekk l-evalwazzjoni tindika nuqqasijiet fl-operat effettiv tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u fl-indipendenza tiegħu għat-twettiq tal-

*kompiti mogħtija, għandha tīgħi prevista
reviżjoni dwar din il-kwistjoni partikolari.*

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tkun konsolidata mar-Regolament li qed jemenda fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tiegħu.

3.10.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonal

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (COM(2013)0040 – C7-0031/2013 – 2013/0022(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Inés Ayala Sender

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Bord Amministrattiv jadotta skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 2(1), tal-Istatut tal-Persunal u skont l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impieg għal aġenti oħra, li tiddeleġa is-setgħat ta' ħatra korrispondenti lid-Direttur Eżekuttiv u tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bihom din ***id-delegazzjoni*** tal-kompetenzi tista' tīgi sospiża. Id-Direttur ***Eżekuttivhuwa*** awtorizzat li jissottodeġla dawn il-kompetenzi.

Emenda

Il-Bord Amministrattiv jadotta skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 2(1), tal-Istatut tal-Persunal u skont l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impieg għal aġenti oħra, li tiddeleġa is-setgħat ta' ħatra korrispondenti lid-Direttur Eżekuttiv u tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bihom din ***id-delega*** tal-kompetenzi tista' tīgi sospiża. Id-Direttur ***Eżekuttiv għandu jirrapporta lura lill-Bord Amministrattiv dwar dawn is-setgħat delegati. Id-Direttur Eżekuttiv huwa*** awtorizzat li jissottodeġla dawn il-kompetenzi.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġidid)

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 6a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 6a

Notifika minn qabel u mekkaniżmu ta' twissija

1. Sistema ta' twissija għandha tkun attivata mill-Kummissjoni jekk ikollha motivazzjoni raġonevoli biex jitqies li l-Bord wasal biex jieħu deċiżjonijiet li jistgħu ma jikkonformawx mal-mandat tal-Αġenzija, jistgħu jiksru d-dritt tal-Unjoni jew ikunu f'kontraddizzjoni mal-objettivi ta' politika tal-Unjoni. F'dawn il-każiżiet, il-Kummissjoni għandha tqajjem formalment il-kwistjoni fil-Bord Amministrattiv u titolbu jastjeni milli jadotta d-deċiżjoni rilevanti. F'każ li l-Bord Amministrattiv iwarrab it-talba fil-ġenb, il-Kummissjoni għandha tinforma formalment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bil-ħsieb li jirreaġixxu malajr. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Bord Amministrattiv jastjeni milli jimplimenta d-deċiżjoni kontroversjali waqt li rrappreżentanti tal-istituzzjonijiet ikunu għadhom qed jiddiskutu l-kwistjoni.

2. Fil-bidu ta' kull mandat, il-Bord Amministrattiv għandu jfassal dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw il-proċedura prevista fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-proċedura.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) ifassal strateġija kontra l-frodi għall-Aġenzija u jibgħatha lill-Bord tad-Diretturi għall-approvazzjoni.

Emenda

(14) ifassal strateġija kontra l-frodi **u strateġija għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitt ta' interassi** għall-Aġenzija u jibgħatha lill-Bord tad-Diretturi għall-approvazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkun kompost minn rappreżtant wieħed minn kull Stat Membru, rappreżtant wieħed mill-Kummissjoni u ieħor mir-Rappreżtant Għoli. It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà huwa ta' erba' snin, li jistgħu jiġi mistieden rappreżtant tal-ESA biex jattendi l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà huwa ta' erba' snin, li jistgħu jiġi mistieden rappreżtant tal-ESA biex jattendi l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà bħala osservatur. Jekk ikun il-każ, il-parteċipazzjoni ta' rappreżtantanti ta' pajiżi terzi kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu stabbiliti skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 23.

Emenda

7. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkun kompost minn rappreżtant wieħed minn kull Stat Membru, rappreżtant wieħed mill-Kummissjoni u ieħor mir-Rappreżenant Għoli. **Il-membri tal-Bord ta' Akkreditament tas-Sigurtà ma għandhomx ikunu Membri tal-Bord Amministrattiv.** It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà huwa ta' erba' snin, li jistgħu jiġi mistieden rappreżtant tal-ESA biex jattendi l-laqgħat tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà bħala osservatur. Jekk ikun il-każ, il-parteċipazzjoni ta' rappreżtantanti ta' pajiżi terzi kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu stabbiliti skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 23.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt e

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 11 – paragrafu 17

Test propost mill-Kummissjoni

17. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-personal tal-Aġenzija li jkun taħt il-kontroll tiegħu għandhom iwettqu xx-xogħol tagħhom b'mod li jiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Aġenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi.

Emenda

17. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-personal tal-Aġenzija li jkun taħt il-kontroll tiegħu għandhom iwettqu xx-xogħol tagħhom b'mod li jiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Aġenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi.

Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jinforma minnufih lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord Amministrattiv dwar kull ċirkostanza li tista' tostakola l-awtonomija u l-indipendenza tiegħu. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jekk ma ttieħdet lebda azzjoni ta' rimedju.

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament jimmira li jagħti aktar indipendenza u awtonomija lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, iżda ma jistabbilixx proċedura biex jissolva kwalunkwe kunflitt li jista' jinqala' bejn iż-żewġ ambiti ta' kompetenza (attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà u ta' realizzazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni). Din l-emenda tistabbilixxi żewġ livelli ta' rimedju. L-ewwel nett, proċedura interna biex tidentifika u tipprova tittratta l-problemi u t-tieni nett, obbligu li l-leġiżlatur ikun informat jekk il-Bord tas-Sigurtà jidhirlu li ma ttieħdet lebda azzjoni ta' rimedju biex ittemm iċ-ċirkostanzi li poġġew f'periklu l-awtonomija tiegħu.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 15b – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-Direttur Eżekuttiv huwa maħtur mill-Bord tad-Diretturi fuq il-bażi tal-mertu tiegħu u tal-ħiliet iċċertifikati tiegħu fil-qasam tal-amministrazzjoni u l-ġestjoni, kif ukoll tal-kompetenzi u l-esperjenza tiegħu fl-oqsma kkonċernati, fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara akkwist pubbliku miftuħ u trasparenti, wara sejħa għall-espressjoni ta' interess li tidher f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u, f'pubblikazzjonijiet oħra.

Emenda

2. Id-Direttur Eżekuttiv huwa maħtur mill-Bord tad-Diretturi fuq il-bażi tal-mertu tiegħu u tal-ħiliet iċċertifikati tiegħu fil-qasam tal-amministrazzjoni u l-ġestjoni, kif ukoll tal-kompetenzi u l-esperjenza tiegħu fl-oqsma kkonċernati, fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara akkwist pubbliku miftuħ u trasparenti, wara sejħa għall-espressjoni ta' interess li tidher f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u, f'pubblikazzjonijiet oħra.

Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv għandu jiġi mistieden kemm jista' jkun malajr jagħmel stqarrija quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet mill-Membri tal-Parlament.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tintroduċi r-rekwiżit għall-kandidati magħżula mill-Bord Amministrattiv li jinstemgħu mill-Parlament Ewropew qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha bil-għan li jissaħħu d-drittijiet tal-Parlament fil-proċedura tal-ħatra u tallinja r-Regolament ma' regolamenti oħra jn li jistabbilixxu aġenziji oħra, bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li digħi integrar din il-possibilità. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew dalwaqt se jivvota biex jirrakkomanda lill-Kummissjoni tbiddel ir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'dan is-sens (A7-0264/2013).

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa li **timmonitorja lill-benefiċjarji** tal-finanzjament tal-Aġenzija kif ukoll lill-kuntratturi u s-subkuntratturi li jkunu rċevew fondi mill-Unjoni permezz tal-Aġenzija, abbażi tad-dokumenti pprovduti

Emenda

2. Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha **l-awtorità li twettaq awditjar u s-setgħa li li twettaq awditjar tall-benefiċjarji kollha** tal-finanzjament tal-Aġenzija kif ukoll lill-kuntratturi u s-subkuntratturi li jkunu rċevew fondi mill-Unjoni permezz tal-

lilha jew spezzjonijiet fuq il-post.

Aġenzija, abbażi tad-dokumenti pprovduti lilha jew spezzjonijiet fuq il-post.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 22a – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Kunflitt ta' interessi

Emenda

Kunflitt ta' interess ***u trasparenza***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 22a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv kif ukoll l-uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fuq bażi temporanja għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn u dikjarazzjoni ta' interessi li tindika n-nuqqas ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub meta jibdew id-dmirijiet tagħhom u jiġġeddu f'każ li tinbidel iċ-ċirkostanza personali tagħhom.

1. Id-Direttur Eżekuttiv kif ukoll l-uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fuq bażi temporanja għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn u dikjarazzjoni ta' interessi li tindika n-nuqqas ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom. Dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub meta jibdew id-dmirijiet tagħhom u jiġġeddu f'każ li tinbidel iċ-ċirkostanza personali tagħhom. **Anki l-Membri u l-osservaturi tal-Bord Amministrattiv u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandhom jagħmlu dawk id-dikjarazzjonijiet li għandhom ikunu pubbliċi flimkien mal-curricula vitae tagħhom. L-Aġenzija għandha tippubblika fis-sit elettroniku tagħha l-lista tal-membri tal-Bord Amministrattiv u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, u l-lista tal-**

esperti esterni u interni.

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda raġuni biex jiġi eskluż l-obbligu ta' indikazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' impenn u ta' interassi għall-Membri u għall-osservaturi tal-korpi tal-Aġenziji. Għal finijiet ta' tishħiħ tat-trasparenza, din l-informazzjoni għandha wkoll tkun pubblika.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 22a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-esperti esterni li jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma ad hoc għandhom jiddikjaraw bil-miktub qabel kull laqgħa li jattendu, kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom firrigward tal-punti fuq l-aġenda.

Emenda

2. L-esperti esterni li jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma ad hoc għandhom jiddikjaraw bil-miktub qabel kull laqgħa li jattendu, kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom firrigward tal-punti fuq l-aġenda. ***L-Aġenzija għandha tadotta u timplimenta politika biex tivvaluta u tiġġestixxi l-kunflitti ta' interress potenzjali tal-esperti nazzjonali sekondati kif ukoll tipprojbixxi lil dawn tal-aħħar milli jattendu l-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma meta l-indipendenza u l-imparzialità tagħhom jistgħu jkunu kompromessi. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinkludi l-informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' tali politika meta jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont dan ir-Regolament.***

Ġustifikazzjoni

Kif indikat il-Qorti tal-Audituri fir-Rapport Speċjali 15/2012, l-Aġenziji ma għandhomx jobbligaw biss lill-esperti jiddikjaraw kull interress potenzjali fil-qasam tal-materji inkwiżjoni, iż-żda għandhom jiżviluppaw sistema li tippermetti lill-Aġenzija tikkontrolla l-akkuratezza tal-informazzjoni u tiżviluppa metodoloġija biex tidentifika r-riskji. L-esperti esterni mhumiex Uffiċċiali tal-UE u mhumiex marbutin bir-regolament tal-persunal li jipprevedi r-regoli dwar l-indipendenza tagħhom, għalhekk l-Aġenzija jeħtiġilha wkoll ikollha l-bażi ġuridika biex tiżviluppa politika intiża li tiġġestixxi attivamenti il-parteċipazzjoni tal-esperti.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Regolament (UE) Nru 912/2010

Artikolu 22a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Bord tad-Diretturi u l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandhom jistabbilixxu politika li tippermetti li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess.

Emenda

3. Il-Bord tad-Diretturi u l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandhom jistabbilixxu politika li tippermetti li jiġu ġestiti u evitati l-kunflitti ta' interess, li almenu għandha tinkludi:

- (a) *il-prinċipji għall-ġestjoni u l-verifikasi tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi, inkluż ir-regoli biex dawn isiru pubbliċi b'kont meħud tal-Artikolu 22;*
- (b) *ir-rekwiżiti obbligatorji ta' taħriġ fil-qasam tal-kunflitt ta' interessi għall-persunal tal-Àgenzija u għall-esperi nazzjonali sekondati;*
- (c) *ir-regoli dwar rigali u inviti;*
- (d) *ir-regoli dettaljati dwar l-inkompatibilitajiet għall-persunal u għall-membri tal-Àgenzija ladarba jkunu temmew ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom mal-Àgenzija;*
- (e) *ir-regoli ta' trasparenza fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Àgenzija inkluż il-minuti tal-Bordijiet tal-Àgenzija li għandhom isiru pubbliċi b'kont meħud tal-informazzjoni sensittiva, klassifikata u kummerċjali; kif ukoll*
- (f) *is-sanzjonijiet u l-mekkaniżmi għas-salvagwardja tal-awtonomija u tal-indipendenza tal-Àgenzija.*

L-Àgenzija għandha tqis il-bżonn li żżomm bilanċ bejn ir-riskji u l-benefiċċji, partikolarment fir-rigward tal-objettiv ta' ksib tal-aħjar konsulenza xjentifika u tal-aħjar kompetenzi possibbli u l-ġestjoni

tal-kunflitti ta' interassi. Id-Direttur Eżekuttiv u l-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandhom ikunu responsabbi mill-implementazzjoni ta' tali politika fl-ambiti ta' kompetenza rispettivi tagħhom u għandhom jirrapportaw lill-Bord Amministrattiv u lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinkludi l-informazzjoni relatata mal-implementazzjoni ta' tali politika meta jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda toffri l-bażi ġuridika sabiex l-Ägenzija timplimenta ġabra kompleta ta' regoli biex jiġu ġestiti u evitati l-kunflitti ta' interassi. Il-korpi ta' tmexxija tal-Ägenzija għandhom ikunu responsabbi mill-iżvilupp u mill-implementazzjoni ta' tali politika filwaqt li jqis u l-partikolaritajiet tal-Ägenzija, kif ukoll l-informazzjoni sensittiva, klassifikata u kummerċjali li tista' tkun involuta.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20

Regolament 2010/912/UE

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni kif ukoll il-konklużjonijiet tagħha dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà tal-Ägenzija. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu ppubblikati.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni kif ukoll il-konklużjonijiet tagħha dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà tal-Ägenzija. **Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiprovvdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-parlamenti nazzjonali kull informazzjoni oħra dwar l-evalwazzjoni jekk mitluba.** Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu ppubblikati.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20

Regolament (UE) 912/2010

Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

*2a. Jekk l-evalwazzjoni tindika nuqqasijiet fl-operat effettiv tal-Bord ta'
Akkreditament tas-Sigurtà u fl-indipendenza tiegħu għat-twettiq tal-kompli mogħtija, għandha tiġi kkunsidrata reviżjoni dwar din il-kwistjoni partikolari.*

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 2

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea. *Huwa kkonsolidat mar-Regolament li jemenda sa tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tiegħu.*

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS
Referenzi	COM(2013)0040 – C7-0031/2013 – 2013/0022(COD)
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 12.3.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 12.3.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Inés Ayala Sender 17.4.2013
Eżami fil-kumitat	17.9.2013
Data tal-adozzjoni	2.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 14 0 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Martin Ehrenhauser, Jens Geier, Gerben-Jan Gerbrandy, Ingeborg Gräßle, Bogusław Liberadzki, Crescenzo Rivellini
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Philip Bradbourn, Karin Kadenbach, Marian-Jean Marinescu, Markus Pieper, Czesław Adam Siekierski, Barbara Weiler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	María Auxiliadora Correa Zamora, Spyros Danellis, Wolf Klinz, Gesine Meissner

19.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (COM(2013)0040 – C7-0031/2013 – 2013/0022(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Haug

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni proponiet regolament li jemenda r-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS (GSA). Il-proposta qiegħda tindirizza primarjament kwistjonijiet ta' governanza marbuta mal-akkreditazzjoni tas-sigurtà iż-żda tagħmel ukoll ir-regolament GSA konformi mal-Approċċ Komuni dwar l-ażenżiji deċentralizzati miftiehem f'Lulju tal-2012 mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, u minn perspettiva baġitarja, l-iktar rilevanti huma t-tibdiliet proposti fir-rendikont finanzjarju leġiżlattiv biex jirriflettu l-kompli ġodda tal-GSA li jirriżultaw mir-regolament GNSS tal-futur (Regolament dwar l-implimentazzjoni u l-isfruttament tas-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita. **COM (2011) 814**). Il-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament GNSS tal-futur ipprevediet ammont ġenerali ta' EUR7 897 miljun bil-prezzijiet attwali għall-perjodu MFF 2014-2020.

Wara l-ftehim politiku dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, il-Kummissjoni adottat fl-10 ta' Lulju 2013 Komunikazzjoni dwar "L-ipproġġar tar-riżorsi umani u finanzjarji għall-ażenżiji deċentralizzati 2014-2020" (COM (2013) 519) li jipprevedi kontribuzzjoni totali tal-UE għall-GSA ta' EUR 200,2 miljun għas-snin 2014-2020. Dan l-ammont huwa 2% anqas mill-EUR 204,3 miljun li l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat qabel għall-bżonnijiet tal-Āgenzija sabiex tissodisfa l-kompli tagħha kif indikat fir-rendikont finanzjarju leġiżlattiv tal-abbozz attwali tar-regolament.

Ir-Rapporteur tinsab imħassba sew dwar l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni u titlob li l-Kummissjoni tippreżenta spjegazzjoni dwar kif l-Āgenziji għandhom iwettqu l-kompli tagħħom fil-futur.

Aspett ieħor ta' tħassib huwa marbut mal-fatt li mill-2014 'il quddiem il-Kummissjoni għandha twaqqaf direttament l-appoġġ ta' Skejjel Ewropej ta' Tip II u li jkun f'idejn l-Āgenziji kkonċernati (bħall-GSA) biex jipprovdu l-finanzjament meħtieġ. Il-Kummissjoni titlob li l-appoprjazzjonijiet ipprovduti sa issa għandhom jiġu trasferiti għall-baġits tal-Āgenziji kkonċernati. Iżda minħabba t-naqqis ġenerali ta' appoprjazzjonijiet b'rīzultat tal-

qafas finanzjarju pluriennali iżjed baxx, l-Aġenziji se jiffaċċaw diffikultajiet kbar fil-provvista ta' dan il-finanzjament għall-Iskejjel Ewropej ta' Tip II. B'konsegwenza ta' dan, l-Aġenziji bħall-GSA se jsibuha iktar diffiċli biex jattiraw persunal temporanu kwalifikat mill-Istati Membri kollha.

Finalment, ir-Rapporteur tiegħek jixtieq jissottolinja l-problema li l-GSA qiegħda tiffaċċja minħabba l-koeffiċċient ta' korrezzjoni li jiġi applikat għar-rimunerazzjonijiet tal-persunal tal-Aġenzija. Bħalissa dan il-fattur huwa kkalkulat fuq il-medja għar-Repubblika Ċeka, li ma jgħorr l-ebda relazzjoni għall-ispejjeż attwali ta' għajxien fiż-żona metropolitana ta' Praga.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Bagħi jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità leġiżlattiva favur dan il-finanzjament pluriennali għall-GSA għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;

Emenda 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rendikont finanzjarju ġdid li jqis b'mod sħiħ ir-riżultat tal-ftehim leġiżlattiv bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex jintlaħqu r-rekwiżiti baġitarji u tal-persunal tal-GSA u possibbilm tas-

servizzi tal-Kummissjoni;

Emenda 3

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Jitlob li l-Kummissjoni ssib soluzzjoni fatti bħalli għall-problemi li l-Aġenzija qiegħda tiffacċċja fir-rigward tal-finanzjament għall-Iskejjel Ewropej ta' Tip II, għax dan għandu effett dirett fuq il-kapaċità tal-Aġenzija li tattira persunal kwalifikat;

Emenda 4

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. Jitlob li, meta tiddetermina l-koeffiċjent tal-korrezzjoni għar-rimunerazzjonijiet tal-persunal għall-Aġenzija, il-Kummissjoni ma tqisx il-medja Ċeka iż-żda taġġusta għall-ispejjeż tal-għajxien fiziż-żona metropolitana ta' Praga;

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS	
Referenzi	COM(2013)0040 – C7-0031/2013 – 2013/0022(COD)	
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 12.3.2013	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 12.3.2013	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Jutta Haug 20.2.2013	
Data tal-adozzjoni	18.9.2013	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	35 1 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Claudio Morganti, Vojtěch Mynář, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Angelika Werthmann	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Frédéric Daerden, Jürgen Klute, Paul Rübig, Peter Šťastný, Nils Torvalds, Catherine Trautmann, Adina-Ioana Vălean	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Oana Antonescu, Andrzej Grzyb, Ivana Maletić, Marian-Jean Marinescu, Traian Ungureanu, Iuliu Winkler	

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS
Referenzi	COM(2013)0040 – C7-0031/2013 – 2013/0022(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	1.2.2013
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 12.3.2013
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni	BUDG CONT TRAN

Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja	12.3.2013	12.3.2013	12.3.2013
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	TRAN 18.3.2013		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Amalia Sartori 20.2.2013		
Eżami fil-kumitat	2.9.2013		
Data tal-adozzjoni	14.10.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	39 0 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Edit Herczog, Romana Jordan, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Herbert Reul, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Alejo Vidal-Quadras		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, Rachida Dati, Françoise Grossetête, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Werner Langen, Zofija Mazej Kukovič, Alajos Mészáros		
Data tat-tressiq	5.11.2013		